MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 22/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**
**Vs**
**Claudio Overend**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [Claudio Overend ID no. 339490 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta’ Lulju 2009, għall-ħabta tas-sebgħa ta’ filgħaxija (19.00 hrs) f’dawn il-Gżejjer u ċioe` fi Triq Mrabat, Sliema

1. inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżża` jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta’

Spettur Pierre Grech u PC 349 John Farrugia, u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti u ċioe` tal-Ispettur Pierre Grech u PC 349 John Farrugia, u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Pierre Grech u dan kif iċċertifikat Dr. Charlene Farrugia MD taċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana u dan ai termini ta’ l-artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ PC 349 John Farrugia u dan kif iċċertifikat Dr. Myriam Farrugia MD u dan ai termini ta’ l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` u ċioe` tal-Ispettur Pierre Grech u PC 349 John Farrugia, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom billi ma ħalliex lil dawn l-uffiċjali tal-Pulizija jagħmlu dak li b’liġi kien ordnat u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat u ġlied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

7. fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, li jikkonsisti f’dagħa u dan ai terminu tal-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-19 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 221(1), 222(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li lliberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni, l-ħames u s-sebgħa akkuzi migjuba fil-konfront tiegħu sabitu ħati tat-tielet, ir-raba` u is-sitt akkużi, iżda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti lliberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi żmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta` kundizzjonata.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata u dana billi tikkonferma l-istess sentenza fejn l-appellant ġie liberat mill-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-seba` akkuzi, tirrevokha f’dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet, ir-raba` u s-sitt imputazzjoni u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jistgħu jinġabru kif ġej:

(a) Apprazzament ħażin tal-provi dwar it-tielet u r-raba’ imputazzjoni
(b) Il-kontravenzjoni taħt l-artikolu 338(dd) ma teżistix.

**L-aggravju (a)**

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi għaliex hi qatt ma setgħet issib lill-appellant hati tat-tielet u r-raba` akkuża u ċioe` li kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Pierre Grech u PC 349 John Farrugia ai termini ta’ l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi kien għal kollox assenti l-element soġġettiv tar-reat u cioe` l-volonta`. Skont is-sentenza, is-

selħa li ġarrab l-Ispettur Grech x'aktarx saret meta huwa waqa' mal-art. Għalhekk din mhix ir-riżultat ta' xi azzjoni tal-appellant u jekk hi hekk din is-selħa ma saritx volontarjament.

Dwar ir-raba' imputazzjoni mhux verosimili li l-kuntistabbli Farrugia sofra abrażjonijiet f'subgħajh. Għal darb'oħra huwa mankanti l-element soġġettiv tar-reat. Dan l-uġigħ jista' wkoll ikun r-riżultat tal-azzjoni tal-kuntistabbli huwa u jżomm lil xhud mal-ħajt fl-għassa ta' San Ġiljan.

**L-aggravju (b) Artikolu 338(dd) tal-Kap 9**

Illi l-appellant jissottometti dwar il-ħtija ai termini ta' l-artikolu 338(dd) illi dan l-artikolu jiddetta s-segwenti :

*B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.*

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti qalet hekk : *"ma hemmx dubju illi tirriżulta htija fir-rigward tal-ksur tal-paci pubbliku u l-bon ordni peress illi l-appellant beda jgħolli leħnu meta kkonfronta lill-Ispettur Grech".*

Illi dan l-artikolu hu intżż li jħares il-kwiet tal-pubbliku u jipprojbixxi d-disturb tal-istess filwaqt illi jipprevjeni l-kaos, l-anti tezi tal-bon ordni, illi joħloq disturb lill-pubbliku.

Illi fid-dawl tal-pretest l-appellant jikkontendi illi l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku ma jinkisrux billi sempliċiment wieħed jgħolli leħnu. Illi lanqas ma kienet konvinta l-Ewwel Qorti illi kien l-appellant illi għolla leħnu stante illi a fol. 11 tas-sentenza fl-ahhar vers l-Ewwel Qorti qalet *"….. seta` għolla leħnu".* Illi jekk fl-agħar ipotesi wieħed jargumenta illi f'dan l-inċident patetiku inqalgħet diżordni żgur illi tali diżordni ma tistax tigi attribwita lill-appellant.

Il-Qorti sejra teżamina dawn iż-żewġ aggravji seriatim.

**L-ewwel aggravju – apprezzament ħażin tal-provi.**

Il-Qrati tagħna dejjem imxew mal-massima li huma ma jiddisturbawx l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk din setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet l-Ewwel Qorti. Għalhekk il-Qorti ser tifli x'qalu x-xhieda dwar x'seħħ u tiżen jekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kenitx waħda raġonevoli.

L-appellant innifsu spjega kif dan il-każ inqala' minħabba li t-tfajla li kien riekeb magħha xtaqet tipparkja l-karozza u hu kien qed jidderiġiha. Huwa ra l-passiġġier ta' karozza oħra jgħid xi ħaġa fit-tieqa tal-karozza tat-tfajla u huwa mar fuqu biex jirraġuna miegħu. Dak il-ħin qisu għamel a touch on his shoulder u hu tajjar idi minn fuqu u qallu 'Tmissnix, Tmissnix.' Dan ir-raġel sakkru mal-karozza pparkjata warajh, imbuttah u qallu biex ma jindaħalx. Imbagħad ġie ieħor fuqu u bdew jagħtuh bil-ponn u jagħtuh fuq diversi partijiet ta' ġismu. Ir-raġel il-qsir tah rugby tackle, waqqgħu fuq il-bankina u ma ħllihx jiċċaqlaq. Huwa beda jgħajjat ħa jċempel għall-pulizija u dak ta' fuqu għarrfu li kienu pulizija. Effettivament il-qasir mar iġib l-ID card mill-karozza biex jurih lihu kien pulizija. Meta daħal fl-karozza magħhom l-Ispettur Pierre Grech beda jurih id-demm li kien ħiereġ minnu u jgħidlu 'Ara x'għamiltli!'. (fol 144). Il-Pulizija l-ieħor kien qed iżomm lit-tfajla.

L-appellant qal li huwa kellu minor bruises f'sidru u fuq daharu.

Fil-kontro-eżami l-appellant qal li l-pulizija kien kellem lit-tfjala tal-appellant min-nħa tal-passenger seat u mhux wiċċ imb'wiċċ (jiġifieri min-naħa tax-xufier). Meta kien rah it-tabib fil-lock up kien sarlu check-up normali.

Fl-istqarrija tiegħu tal-31 ta' Lulju 2009, l-appellant kien qal li meta resaq fuqu l-ispettur huwa ma kienx jaf li huwa pulizija (fol 12) Qal ukoll li huwa (l-appellant) kien inbuttah bħala self-defence għax kien inqabad bejn żewġ karozzi.

Aktar ‘l isfel fl-istess paġina huwa qal li kien talabhom l-ID card biex jikkonferma li kienu pulizija. Fl-istqarrija tiegħu tal-1 t’Awwissu 2009, l-appellantn kien qal li huwa kien ra l-karozzi jinġemgħu tant li beda jistħi x’ħin bdew idoqqu l-karozzi.

L-Ispettur Pierre Grech xehed li meta nqala’ dan l-inċident, kien impossibbli li wieħed jipparkja (fol 61) għax bit-traffiku li nġema’ ma stajtx tirreversja. Huwa kien qal lit-tfajla tal-appellant li huwa kein pulizija u orndalha beix issuq. Iżda hi baqgħet tinsisti li riedet tipparkja. (fol 62). L-appellant qallu wkoll li t-tfajla riedet tipparkja u l-Ispettru qallu li dik ma setgħetx tipparkja għax qed twaħħal it-traffiku. U dak il-ħin qallu ‘ Ara, jien pulizija, jien tajtha ordni . Dik għandha tibqa’ sejra.’

Iżda din ma saqitx u dan poġġa idu fuq sidru. L-Ispettur inħasad. L-appelalnt beda jħares lejh bl-ikrah u bil-herra u l-Ispettur neħħielu jdejh. L-Ispettur ħaseb li ser jiggradih mill-ħarsa ta’ wiċċu. U reġa’ qallu ‘Int ma tindaħalx; jien il-pulizija.’ Dak il-ħin ġibed waħda bil-Madonna u l-Ispettur beda jimbuttah biex jimxi ‘l ġewwa fuq il-bankina biex ma joqogħdux bejn il-karozzi fuq in-naħa tat-triq. Malli waslu fuq il-bankina, l-appellant waddbu mal-art. L-appellant kellu siequ viċin tiegħi. Jiġifieri b’saqajh l-ispettur seta’ jilqħu u x’hin ra lill-PC 349 ġej għal fuqu ddeċieda li jiħħendiljah għax dan bniedem aggressiv. Biex tiħħendiljah trid twaqqgħu. L-ispettur ma felaħx għalih minħabba d-differenza fl-eta’ u fit-tul. Imbagħad iħħendiljah bil-għajnuna ta’ PC 349. It-tfajla tal-appellant ukoll bidet tgħidlu biex jieqaf. Lil min resaq fil-qrib qalulhom li kienu pulizija. L-ispettur kellu uġigħ f’idu u fil-polz li kienu għadu juġgħu sa ma xehed (28 t’Awwissu 2009) u girfa qisha tkaxkira – tul idu (jiġifieri l-akbar injury). Kellu wkoll xi grif żgħir u ħafna demm. Fil-karozza kien qal lill-appellant ‘Ara x’għamiltli’ u l-appellant kien qallu ‘Ar’hemm għax tolqotni b’demmek.’ L-ispettur iddeskriva wkoll il-kura li kien jagħmel billi juża creams għal-ligaments. Il-Qorti eżaminat ukoll ir-ritratti ta’ dan ix-xhud u ppreżentati minnu. Dawn ttieħdu minn PC 1253 Frederick Brincat (fol 131). (Ara wkoll iċ-ċertifiakt ta’ Dr Charlene Farrugia miċ-ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda ta’ PC 349 John Farrugia li qal li t-tfajla tal-appellant xorta riedet tipparkja u baqgħet tgħajjat ‘I want to park, I want to park.’ Huwa qal li l-Ispettur Grech kien niżel u qalilha li kienu Pulizija u ordnalha beix issuq. L-appellant kien għamel idejh ma’ sider l-Ispettur Grech b’mod arroganti. F’mument minnhom l-Ispettur Grech ġie taħt l-imputat. It-tfajla tal-appellant bidet tgħid lill-appelalnt beix jieqaf. Ix-xhud kellu nefħa f’subgħajh tal-lemin u kelli ġrieħi f’sidru u għamel ċertifikat li kien maħruġ minn martu Dr Miriam Farrugia. (Ara fol 58)

Xehed ukoll Tolga Tamuge li kien qed isuq mutur. Huwa induna li t-traffiku kien waqaf għaliex xi xufier kien qed jipprova jipparkja. Huwa ra lill-appelalnt jipprova jidderiġieha waqt li ra wkoll lill-ispettur jgħidliha xi ħaġa fil-qasir. Dan dar fuq l-appellant u mbuttah. Imbagħad ħarġet il-persuna l-oħra u bdew isawwtuh. (fol 86). Huwa qalilhom biex jieqfu u ipprova jikkalma s-sitwazzjoni. Huwa rrealizza li kienu pulizija meta l-Ispettur mar iġib il-badge u sema’ l-kelma ‘Pulizija’. Imbagħad irrealizza li dawn kienu ‘pulizija’ u meta ra li spiċċa kollox telaq lejn id-dar. Dan reġa’ xehed in kontro-eżami a fol 185. u a fol 188 qal:

They talked. He said something to him and I don’t know what they said…. There was a brief moment of exchanging words and then the young man was pushed by the short man and he tried to clearly stand his gound and at some point the young man stood his ground.’

Xehdet ukoll Serena Smith li qalet li l-appellant kien ipprova jirreversja iżda beda jsibha diffiċli. Bdew ipaqpulha l-horn iżda hi ridet li tipparkja. Niżel l-ispettur li qalilha li huwa pulizija u qalilha biex issuq. L-appellant kien mess l-ispalla tal-ispettur għaliex dan kien qed jgħajjat ħafna miegħu. L-Ispettur beda jimbotta lill-appellant li beda jgħolli jdejh quddiem wiċċu sabiex jiddefendi ruħu. L-appellant waqa’ mal-art u waqa’ miegħu ukoll l-Ispettur. L-appellant beda jgħidilhom li ser

iċempel lill-pulizija u dawn qalulu li kienu pulizija. L-ispettur qajjem lill-appellant minn mal-art u poġġieh mal-ħajt b'idejh 'il fuq. Imbagħad qalulha li ser jieħdu lill-appellant l-għassa. Hija żiedet tgħid li l-appellant fil-bidu ma kienx aggressive iżda wara mbagħad bdew jimbuttawh.

Dr Mark Xuereb ikkonferma li Serenea Smith kellu feriti li ma kinux ta' natura gravi u kellha stress minħabba l-inċident. Huwa qal li t-tbenġila hija kompatibbli ma' persuna li qed jiġi imbuttat ma' ħajt lixx.

WPS 110 Maria Scicluna kienet l-għassa meta waslu l-appellant u t-tfajla tiegħu. Hija daħħlithom ħdejhom u staqsiethom ridux xi għajnuna iżda t-tnejn irrifjutaw.

PS 318 Francis Rogers xehdet li kien mar tabib mill-poliklinika sabiex jinvista lill-appellant. (fol 127).

PC 687 Brian Woods xehed li kien bil-karozza private tiegħu u kien hemm xebgħa traffiku kulħadd ipaqpaq. Ra wieħed ifarfar il-qalziet u l-ieħor qed iżomm raġel minn idejh mal-ħajt. Wieħed mill-Pulizija kien qed jgħid lill-appellant beix joqgħod kwiet u jikkalma. Staqsiehom kellhomx bżonn xi għajnuna u weġbuh li seta' jkompli għax ma kellhomx bżonn għajnuna.

L-Ispettur Anna Maria Micallef li l-Ispettur Grech ipprova jtella' lill-appellant fuq il-bankina għax kienu qegħdin f'nofs it-triq. Qabdu minn idu biex imexxih lejn il-bankina. Ix-xhud qalet ukoll li l-Ispettur Grech kien identifika ruħu bħala pulizija meta kellem lit-tfajla tal-appellant. Qalet ukoll li din it-tfajla kkonfermatilha li l-karozzi li kienu warajha ma setgħux jaqbżuha għaliex kienu ġejjin il-karozzi min-naħa l-oħra. Xehdet ukoll li l-appellant kien qal li hu kien beża' meta ra lill-Ispettur u li kien imbuttah.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwel konsiderazzjoni hija dwar it-tielet imputazzjoni. Din hija dwar il-ġrieħi li ġarrab l-Ispettur Grech. Il-Qorti wiżnet ix-xhieda kollha kif jidhru fil-proċess u kif jidhru

hawn fuq. Ikkonsidrat ukoll dak li qal Tolga Tamuge li d-difiża ddeskrivietu bħala xhud indipendenti. Jidher li dan pero' ma kienx intiż biżżejjed dwar l-ewwel ftit sekondi ta' dan l-inċident u meta ra li tnejn mill-persuni involuti kienu pulizija u li meta ra li l-inċident spiċċa malajr saq lejn id-dar.

Id-difiża ssottomettiet li meta jkun hemm konflitt ta' provi, allura d-dubju jmur favor l-imputat. Bir-rispett kollu, meta hemm konflitt tal-provi, il-Qorti l-ewwel li għandha tagħmel hu li tara jekk temminx verżjoni jew oħra. U hekk għamlet din il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tal-Ispettur Grech tista' toqgħod fuqha.

L-Ispettur Grech ma kienx liebes ta' pulizija iżda identifika ruħu mal-ewwel bħala pulizija kemm ma' Serena Smith kif ukoll mal-appellant. Kien l-appellant li għamel subgħajh ma' sider l-Ispettur u l-Ispettur qallu li ma kienx ser imissu. Kien ukoll l-appellant li waddbu mal-art tant li l-ispettur seta' jilħqu b'saqajh biex jiħħendiljah. Id-difiża ssottomettiet li ma kienx hemm il-mens rea biex iweġġa' lill-Ispettur. Ma' dan l-argument din il-Qorti ma taqbilx. 'Il-mens rea' xi wħud jaħsbu li bilfors trid tifforma ruħha fuq ħafna ħin. Jiġru inċidenti fil-ħajja fejn il-'mens rea' tifforma ruħha f'ħakka t'għajn. Mill-provi jirriżulta li l-Ispettur mhux xi bniedem twil waqt li l-appellant (dejjem skont il-provi) huwa iżgħar (u għalhekk jiflaħ aktar) u itwal mill-Ispettur. Ma kienx hemm għalfejn jitfa' lill-Ispettur mal-art ukoll jekk kien għadu mhux konvint li dan kien pulizija. Wara kollox hu stess qal fl-istqarrija li kien qed jara t-traffiku jinġema' u beda jħossu jistħi jisma' t-tpaqpiq. Dan kien inċident li bi ftit tal-buon sens seta' jiġi evitat. Jekk imbagħad l-Ispettur sofra ġrieħi ħfief (li ma kinux jeżistu qabel), allura l-appellant irid jirrispondi għal dawn il-ġrieħi ħfief. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' dik il-parti tal-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni.

Iżda qed tilqa' dik il-parti tal-aggravju dwar ir-raba' imputazzjoni għaliex m'hemmx xi prova li l-ġrieħi li sofra PC 349 John Farrugia kien responsabbli għalihom l-appellant. M'hemmx xi xhud (inkluż il-vittma nnifsu) li jikkonvinċi lil din il-Qorti kif, fejn, u fi x'ħin saret din il-ferita.

Hemm ukoll dubju jekk saritx waqt li qed li l-vittma kien qed jikkontrolla lill-appellant jew jekk saritx huwa u jikkontrolla lit-tfajla tal-appellant. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-aggravju dwar ir-raba' imputazzjoni.

**L-aggravju (b) – dwar is-sitt imputazzjoni**

Dwar it-tieni aggravju - is-sitt imputazzjoni li hija dwar ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-eat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diveris sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fi, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'

Waqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Charles Aquilina' (22 ta' Marzu 2005, preseduta mill-Onor.Imħallef David Scicluna' qalet dan li ġej:

'Biżżejjed issir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil deciz fit-23 ta' Gunju 1994:

"Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law

Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta' 'a breach of the peace" tirrisali għal żmien Siur Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:

'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o
diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato' (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) paġna 13 et seq., u speċjalment pagni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiża jirrikjedi ukoll ċertu
element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' Edinburgh, Butterworths, 1992:

'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).

Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma ammontax f'kull każ

għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):

'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:

'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01)."

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Spiteri deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:

"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreċiza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif ġie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet &
Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiza in materja:

'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined

that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).

Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'.

But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to arm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).
Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil
volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil**. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew tħassib**."

Fil-każ in diżamina, il-fatt li l-incident li wassal għall-proċeduri kontra l-appellat ġara f'Paceville f'ħin fejn ma jkunx hemm "kwiet u hemda", ma jfissirx ghalhekk, kif irriteniet l-ewwel Qorti, li ma seta' jkun hemm ebda disturb lill-pubbliku. Għall-kuntrarju, aktar ma kien hemm nies aktar seta' jinfirex l-inkwiet jew tħassib f'moħħ dawk il-persuni. U f'dan il-kaz insibu li **nqalgħet ġlieda li fiha kienu involuti diversi nies - wieħed mix-xhieda (Marek Mazurek) isemmi bejn ħmistax u għoxrin**.' (enfasi tal-Qorti).

Il-Qorti kkwotat fit-tul dwar il-kunċett ta' 'ksur tal-paċi pubblika' għax ħafna drabi tingħata din l-imputazzjoni mingħajr ma tkun sustanzjata biżżejjed. Fil-każ li għadha kemm saret referenza għalih jidher li nqalgħet ġlieda li kient tinvolvi bejn ħmistax u għoxrin ruħ. Għalhekk wieħed jifhem għala l-appell, li kien intavolat mill-Avukat Ġenerali kien intlaqa'.

Issa min-naħa l-oħra wieħed irid jara x'għandna bħala fatti fil-każ tal-lum. Tassew li dan l-inċident ma spiċċax fi kliem biss, iżda ma damx aktar minn minuta jew minuta u nofs skont ma xehed l-istess appellant (fol 159). Barra dan, lanqas ma nġabet xi prova li nħoloq xi kaos jew disturb minħabba dan l-inċident (qabbel mal-każ li għadu kif ġie ċitat fejn kienet qamel ġlieda li nvolviet ħafna nies). Lanqas ma kien ippruvat li xi persuna (barra dawk involuti fil-ġlieda) ma ħasset xi biża' dwar il-persuna tagħha jew il-propjeta' tagħha. It-traffiku kien waqaf mhux minħabba l-ġlieda iżda minħabba li ma setax jimxi minħabba l-karozza tat-tfajla tal-appellant li kienet għadha tingombra l-karreġġjata għaliex imbagħad, malli beda jżid it-traffiku, ma setgħetx tirreversja xi ftit u tipparkja. Iżda dan mhux id-disturb li l-leġislatur kellu f'moħħu meta daħħal din il-kontravenzjoni. U li wieħed jgħolli leħnu ma jfissirx li qed jikser il-buon ordni jew il-paċi pubblika. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi biżżejjed dwar din l-imputazzjoni. Isegwi li l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju tal-appellant.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fid-19 ta’ Jannar 2011 fl-ismijiet il-Pulizija versus Claudio Overend billi waqt li tikkonfermha fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, mit-tieni, il-ħames u s-seba’ akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, qed tikkonfermha wkoll fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni iżda qed timmoddifka u tbiddilha fejn sabitu ħati tar-raba’ u tas-sitt imputazzjoni u qed tilliberah minnhom u, waqt li ħadet in konsiderazzjoni tal-fedina penali tal-appellant li hija netta, li l-appellant huwa persuna tal-affari tiegħu u mhux xi ħadd li qed ifittex il-ġlied, u li issa kien liberat minn żewġ imputazzjonijiet oħra u lif uq kollox dan kien inċident li seta’ faċilment kien evitat, qed tbiddel ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn huwa kien liberat b’kundizzjoni li ma jagħmilx reat fi żmien sena u, qed tipprovdi kif ġej: flok tikkundanna lill-appellant qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-appellant fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------